Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 327/2013/1

**David Muscat** **(appellat)**
**vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)** **(appellant)**

5 ta' Novembru, 2018.

1. Dan hu appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva moghtija fid- 9 ta' Gunju 2016 li laqa' appell tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-intimat appellant, wara li kkonkluda li l-istimi ghall-perjodi ta' taxxa 01.01.08 – 29.02.08, 01.12.08 – 28.09.09, 01.12.09 – 28.02.10, 01.03.10 – 31.05.10 u 01.09.10 – 30.11.10, kienu invalidi in kwantu mhux sorretti mill-Ligi, wisq inqas mill-Artikolu 32(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Il-Kummissarju appella mis-sentenza b'rikors li pprezenta fis-17 ta' Gunju 2016 fejn spjega li l-aggravju tieghu kien jikkonsisti f'dak li t-Tribunal ghamel interpretazzjoni zbaljata tas-subartikolu 32(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. L-appellat wiegeb u qal li d-decizjoni kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell kellu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

## **<u>Fatti.</u>**

4. Fil-qasir il-fatti rilevanti huma:

   i. Fil-25 ta' April 2012 Il-Kummissarju baghat lill-appellat hames stimi provizorji ghall-perjodi 01.04.06 – 31.05.07, 01.01.08 – 29.02.08, 01.12.08 – 28.02.09, 01.12.09 – 28.02.10, 01.03.10 – 31.05.10 u 01.09.10 – 30.11.10, li gew notifikati lilu fit-2 ta' Mejju 2012 (a fol 28 process Tribunal).
   ii. fit-13 ta' Ottubru 2012, rega' kiteb lill-appellat fejn innotifikah bl-istimi finali (fol. 39) li skont it-twegiba li pprezenta fit-Tribunal kienu gew notifikat hdax-il gurnata tard.
   iii. Ir-rikorrent appella l-istimi u argumenta li kienu gew notifikati *fuori termine* (rikors numru 333/12). Il-Kumissarju ddikjara li l-ilment tar-rikorrent kien gustifikat u li t-talba tieghu kellha tintlaqa'. In vista ta'

dik id-dikjarazzjoni r-rikorrent iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-appell.

iv. Fis-6 ta' Awissu 2013 il-Kummissarju rega' kiteb lill-appellat u baghatlu stimi provizorji ghall-istess perjodi ta' taxxa. Fl-10 ta' Awwissu 2013 ir-rikorrent kien notifikat (fol. 43 u 44).

v. Fl-20 ta' Novembru 2013 il-Kummissarju ikkonferma l-istimi provizorji u fis-26 ta' Novembru 2013 innotifika lill-appellat l-istima finali (fol. 57 sa 60);

vi. Fl-20 ta' Dicembru, 2013 l-appellat ipprezenta l-appell fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn ilmenta li:

- L-istimi huma kaz car ta' *double jeopardy*.
- L-Artikolu 32(5) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406) ma jahsibx ghas-sitwazzjoni fejn ikun diga' nhargu stimi finali.
- L-istimi jmorru kontra l-principju ta' gustizzja naturali ghaliex bl-agir tieghu l-intimat holoq it-tieni opportunita sabiex jaghmel dak li ma rnexxielux jaghmel l-ewwel darba.

**<u>Konsiderazzjoni</u>.**

5. Il-Kummissarju jippretendi li *ai termini* tal-artikolu 32(5) tal-Kap.406 kellu d-dritt li johrog stima provvizorja gdida filwaqt li jikkancella kull stima ohra li jkun hareg qabilha.

6. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel stima li saret matul is-sena 2012, ovvjament l-istima finali li nhargu fit-12 ta' Ottubru, 2012 ma kellhom l-ebda effett gialadarba mill-provi jirrizulta li l-istimi provizorji ma gewx notifikati fit-terminu kontemplat f'subinciz (3) tal-artikolu 32. Ghalhekk f'dak l-istadju l-appellant kellu biss stimi provizorji li ma setax isegwi b'stimi finali ghaliex kien ghadda t-terminu li fiha seta' johrog tali stimi.

7. Kien bl-Att IV tal-2011 (artikolu 74) li gie ntrodott subinciz (5) ghall-artikolu 32 li jipprovdi:

   *"(5) Il-Kummissarju jista', ghall-ghanijiet ta' dan l-Att,* ***jikkancella <u>kull stima provizorja</u> li jkun hareg, u johrog stima provvizorja gdida****, u dan il-kancellament ghandu jkun bla pregudizzju li johrog stima provvizorja gdida li tkun mehtiega tohrog taht dan l-Att minflok l-istima provvizorja kkancellata li ghandha titqies li qatt ma harget".*

   L-appellant isostni li din l-emenda saret proprju minhabba sentenzi ta' din il-qorti li kienu qeghdin ighidu li fejn ighaddi t-terminu kontemplat fl-artikolu

32(3), il-Kummissarju ma setax johrog it-tieni sett ta' stimi provizorji (ara per ezempju **A.B. v Il-Kummissarju tat-Taxxa** deciza fis-6 ta' Ottubru, 2010).

8. Fis-sentenza t-Tribunal qal li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-appellant ghaliex:

   *"... tmur kompletament kontra l-principju fundamentali li f'materji ta' natura fiskali ghandu jkun hemm certezza tad-dritt ghat-tutela u salvagwardja tat-tax payer skont il-Ligi, twassal biex il-legislatur stess ikun mhux biss issanzjona izda addirittura holoq mekkanizmu appozitu biex jinfetah bieb berah ghall-manipulazzjoni tal-Ligi billi jigi aggirat iz-zmien utli li jkun miexi bil-perpetwita' tal-hrug ta' stejjem provizorji, kienet x'kienet ir-raguni".*

9. Din il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tat-Tribunal. Fl-ewwel lok m'hemmx periklu ta' perpetwita' ta' hrug ta' stimi ghaliex l-artikolu 32(1) jipprovdi li stimi provizorji jistghu jinhargu:

   *"... **mhux iktar tard minn sitt snin** mit-tmiem tal-imsemmi zmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbaghat id-denunzja ta' taxxa ghal dak iz-zmien ta' taxxa, skont liema data tigri l-aktar tard".*

10. Il-qorti hi tal-fehma li ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellant milli f'dan il-kaz jirrikorri ghal dik id-disposizzjoni. Il-kliem ta' dik id-disposizzjoni hu wiesa' bizzejjed sabiex jinkludi cirkostanzi bhal dak tal-kaz in ezami. Il-ligi hi cara li kull stima provizorja li tkun harget tista' tigi kkancellata mill-Kummissarju. Ghalhekk m'ghandux ikun li t-Tribunal japplika l-ligi b'mod li jimponi limitazzjoni fejn hu evidenti li l-ligi ma tridx.

11. Madankollu subinciz (5) qieghed jikkontempla zewg stadji:

    i. Il-kancellament tal-istima provizorja. Fil-kaz in ezami l-istimi provizorji originali huma datati 24 ta' April, 2012 (fol. 31-36);
    ii. Il-hrug mill-gdid tal-istimi provizorji. L-istimi provizorji li nhargu t-tieni darba huma datati 6 ta' Awissu, 2013 (fol. 46-48).

12. Pero' ma ngiebet l-ebda prova li l-appellant kien ikkancella l-istimi provizorji originali. Minn qari tal-ligi ma jidhirx li l-hrug tat-tieni stimi provizorji fih innifsu jfisser kancellament tal-istimi provizorji originali. Tant hu hekk li l-ligi tipprovdi li l-Kummissarju tat-Taxxi jista', *"**jikkancella** kull stima provizorja li jkun hareg, **<u>u</u> johrog stima provvizorja gdida**".*

13. L-appellant ghamel ukoll riferenza ghall-artikolu 35 tal-istess ligi, li jipprovdi:

*"35. Is-setgha li ssir stima ghandha tinkludi s-setgha li ssir stima addizzjonali jew revizjoni ta' stima fl-istess limiti ta' zmien u skont l-istess disposizzjonijiet li japplikaw ghal stima originali: izda l-Kummissarju ma ghandux jerga' jiftah xi haga li dwarha jkun hemm decizjoni tal-appell"*.

14. Disposizzjoni li ma tapplikax ghall-kaz in ezami stante li dan m'huwiex kaz fejn l-appellant hareg stima addizzjonali jew revizjoni ta' stima, izda stimi provizorji godda. Dan apparti li l-appellant qieghed isostni li l-istimi provizorji hargu bis-sahha tal-artikolu 32(5) tal-Kap. 406, li hi procedura ghal kollox differenti minn dak kkontemplat fl-artikolu 35.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.